**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Gunju 2021.**

**ABC**
**Vs**
**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors Guramentat tal-konvenut ABC li ppremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni ta' madwar erba' snin u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri FBC fil-25 ta' Dicembru, 2012 (ara c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. « A ».

2. Illi ghal diversi xhur qabel ma twieled il-minuri kif ukoll ghal ftit zmien wara, il-kontendenti kienu jirrisjedu gewwa Hal Safi.

3. Illi fil-21 ta' Marzu, 2014, madanakollu, l-intimata DE abbandunat il-familja billi telqet mid-dar fejn kienu jabitaw gewwa Hal Safi u hadet lill-minuri maghha, b'dan illi minn dakinhar hi bdiet iccahhad lir-rikorrenti milli jkollha access adegwat ghal ibnu minuri.

4. Illi bil-ghan li r-rikorrenti jkun jista' johloq legam b'sahhtu ma' ibnu minuri, b'mod partikolari f'dawn l-ewwel snin ta' hajtu, ir-rikorrenti fetah proceduri ta' medjazzjoni, fl-1 ta' April, 2014, bil-ghan li jkun jista' jinholoq kompromess ghall-access u l-kura u kustodja tal-minuri msemmi (Ittra Nru. 447/2014/MC) izda peress li l-medjatur appuntat ma setax jaghti l-appuntament, proceduri in segwitu ta' din l-ittra ma setghux jitkomplew.

5. Illi minkejja lir-rikorrenti fetah il-proceduri ta' medjazzjoni, irrizulta ukoll li l-istess DE fethet ukoll proceduri ta' medjazzjoni fis-7 ta' April, 2014 (Ittra Nru. 482/2014/CB3) u peress li dawn il-proceduri gew appuntati qabel ma nghata appuntament fl-ittra ta' medjazzjoni tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti ddecieda li jattendi ghal dawn il-proceduri sabiex il-kwistjoni tinqata' kemm jista' jkun malajr ghall-ahjar gid tal-minuri.

6. Illi madanakollu, minkejja li nbdew il-proceduri ta' medjazzjoni, l-istess DE dejjem uriet opposizzjoni kbira ghal kwaunkwe suggeriment tar-rikorrenti fir-rigward ta' access, ta' informazzjoni, ta' tutela u anke ta' benessere tal-minuri u b'hekk, l-istess rikorrenti kien kostrett li jintavola serje ta' rikorsi sabiex dak li kienet qed topponi ghalih l-intimata, setgha jigi deciz bl-awtorita' tal-Qorti tal-Familja.

7. Illi sfortunatament, mill-bidu tat-tqala u partikolarment mill-ewwel ftit jiem wara t-twelid tal-minuri, l-intimata DE bdiet turi certa karatterisitici inkwetanti ta' traskuragni tal-familja u partikolarment fir-rigward tal-kura tal-minuri, fosthom in-nutrizzjoni, sahha u ndafa tal-minuri. Il-piz tal-kura tal-familja, inkluz tal-istess Lauraine Agius (meta bdew johorgu iktar sintomi ta' *dependent personality disorder)* beda jaqa' kollu fuq l-attur ABC.

8. Illi kontestwalment ma' dan l-agir inkwetanti, wara li abbandunat l-familja l-istess intimata DE bdiet tigdeb u taghmel allegazzjonijiet serji u malafamanti fir-rigward tal-attur bil-ghan li tikkonvinci lil awtoritatjiet izommu lil FBC 'l boghod mill-missier u allura ukoll b' dannu serju ghall-minuri u l-istess attur. Illi di piu', l-istess intimata DE ghamlet kull mezz biex taqta' kwalunkwe kuntatt mar-rikorrenti u minkejja li l-istess rikorrent qieghed igawdi access ferm limitat ta' ibnu minuri, hu mhux qed jinghata taghrif baziku dwar jekk il-minuri ikunx kiel u affarijiet iktar importanti relatati ma' sahha u edukazzjoni.

9. Illi wara li bdew isehhu dawn l-avvenimenti, beda jidher aktar bic-car li karattru instabbli tal-intimata, b'mod partikolari il-fatt li hi mhijiex lesta tiggestixxi sitwazzjoni ta' co-parenting bejn iz-zewg genituri u dan jindika d-diffikultajiet li ser ikollha sabiex tindirizza problemi li ser jiltaqa' maghhom il-minuri. Illi jidher li sfortunatament l-intimata tista' tkun afflitta minn problemi ta' natura psikologika u emozzjonali, aktar u aktar fid-dawl tat-tifrik taz-zwieg precedenti li l-istess intimata kellha ma' terz u fid-dawl tal-gideb u tghawwig ta' fatti li l-istess intimata adoperat sabiex tottjeni dak li hi tixtieq – u cioe' li tpingi lill-attur f'dawl ikrah sabiex icahhad lill-minuri minn missieru.

10. Illi bl-atteggjament taghha, l-istess intimata DE gabet lill-attur fi stat fejn la jaf fejn qieghed ikun l-istess minuri matul il-gurnata, la jaf jekk il-minuri huwiex marid u m'ghandu l-ebda informazzjoni ohra dwar l-istess minuri, hlief ghall-ftit taghrif li taghti fir-risposti taghha ghar-rikorsi li jkun ghamel u dan bla ebda garanzija li l-fatti kif mnizzla fl-istess risposti mhumiex gideb u tghawwig ta' fatti.

11. Illi ghandu jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kaz illi l-intimata DE mhijiex il-genitur idoneju sabiex trabbi lill-minuri FBC  u dan minhabba l-atteggjament taghha kemm versu l-istess minuri kif ukoll versu r-rikorrenti u dan minkejja li ex lege l-kontendenti ghandhom il-kura u kustodja vestita konguntivament bejniethom.

12. Illi l-intimata DE ghadha qed tirrisjedi mal-genituri taghha gewwa x-Xghajra u sfortunatament jidher li l-istess genituri qedghin ikunu ta' influenza hazina kemm fuq il-mod kif l-istess intimata qed tiggestixxi r-relazzjoni taghha mal-attur kif u mal-minuri u di piu', kien hemm anke okkazzjonijiet fejn l-istess genituri indahhlu abbuzivament bejn l-attur u l-intimata bir-rizultat li aggravaw aktar is-sitwazzjoni. Is-sintomu ta' *gatekeeper parents* huwa car hafna u ghandu jigi indirizzat mill-aktar fis. Illi l-attur ghandu biza fondata li l-istess genituri tal-intimata qedghin joholqu riski serji ghall-benessere tal-minuri

Ghaldaqstant, talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifel minuri FBC ghandha tkun fdata esklussivament lill-attur ghar-ragunijiet suesposti u dana taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportun fir-rigward tal-minuri.

2. Tiddikjara illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun dik tar-rikorrenti izda b'access adegwat u xieraq moghti lill-intimata, ghall-beneficcju tal-istess minuri skond kif jidhrilha xieraq u opportun dina l-Onorabbli Qorti.

3. Tordna illi l-istess minuri FBC jittiehed mir-residenza tal-intimata, occorrendo bl-ghajnuna ta' terzi u jittiehed fir-residenza tar-rikorrenti, fejn ghandu jibqa' jabita sal-eta' li jsir maggorenni.

4. Tilliwkida retta alimentarja adegwata ghall-manteniment tal-minuri FBC.

5. Tordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

6. Tordna lill-intimata sabiex thallas u tirrifondi lill-istess rikorrenti nofs l-ispejjes edukattivi, ta' sahha u attivitajiet extra-kurrikulari.

**Rat ir-Risposta Guramentata** tal-konvenuta li eccepiet is-segwenti:-

1. Illi huwa minnu illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri FBC.

2. Illi l-attur jhobb jghid l-istess kelma anke f'diversi emails li joqghod jibghat kuljum lill-esponenti li hi « abbandunat il-familja » u anke fir-rikors promotur rega' qal li hija abbandunat il-familja. Fl-ewwel lok irrid jigi eccepit li dawn mhumiex proceduri ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk id-difiza ta' abbandunar ma treggix. Fit-tieni lok jigi eccepit illi hija telqet mid-dar fejn kienet tabita mal-attur minhabba vjolenza

domestika li kien qieghed jipperpetra l-attur fuqha u fuq il-minuri. Fil-fatt, l-esponenti ghadha sal-lum tmur l-Agenzija Appogg u l-Victim Support Group.

3. Illi nfethu l-proceduri ta' medjazzjoni miz-zewg partijiet izda minkejja li l-esponenti dejjem ippruvat tasal ghall-ftehim, l-attur, beda jipprezenta rikors wiehed wara l-iehor minghajr ma jaghti lok ghal ebda diskussjoni . Fil-fatt l-ewwel rikors gie pprezentat qabel ma kien hemm l-ewwel sessjoni tal-medjazzjoni. L-unika qbil li kien hemm u li ghalhekk ma kienx hemm l-ebda lok ghar-rikors kien fuq il-manteniment. Izda ghal kull haga l-attur ghogbu jaghmel rikors u b'hekk honoq l-ghan tal-medjazzjoni. Inoltre wara li gie ddegretat il-modalita' u l-hinijiet tal-access minn dina l-Onorabbli Qorti, huwa ma ghogbux id-digriet ta' dina l-istess Qorti u pprefera jaghmel rikors sabiex it-tifel imur ighix mieghu fejn dina l-Onorabbli Qorti cahditulu. Izda ma kienx kuntent. L-attur ihoss li l-orgoljo tieghu gie mxekkek meta l-esponenti b'kuragg qabdet u telqet mid-dar u ghalhekk jixtieq jaghmlilha hajjitha mizerja billi jipprova jaqta' lit-tifel minn ommu l-esponenti kif juru bic-car it-talbiet tar-rikors odjern.

4. Illi l-medjazzjoni ma sehhitx purament minhabba l-attur. Huwa fl-ebda sessjoni tal-medjazzjoni ma mmedja hlief ghall-manteniment fejn kien hemm qbil li l-ammont ta' €300 jithallas kull erba' gimghat oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha. Di fatti l-attur qabad u ddecieda minn rajh li ma jattendiex is-sezzjonjiet ta' medjazzjoni u dan minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jattendu u ghalhekk il-medjatrici Connie Bonello ma kellha l-ebda triq ohra, ghajr li taghlaq il-proceduri.

5. Illi l-attur ghandu karattru parsimonuz u m'ghandu l-ebda hajra ta' x'jikkonsisti l-ahjar interess ta' ibnu. Fil-fatt ipprefera jcahhad lil ibnu milli

jithallat ma’ tfal ohra tamparu billi ma jikkoperax mal-esponenti rigward in-*nursery* u kellha tkun dik l-Onorabbli Qorti fejn ordnat li t-tifel jigi iskritt f’*nursery*. Illi huwa pprefera jilghab bl-iskola ta’ ibnu u kellha tkun l-istess Onorabbli Qorti fejn ordnat li t-tifel jigi iskritt fl-iskola statali.

6. Illi komunikazzjoni kostruttiva u ko-operazzjoni bejn il-kontendenti ma tezistix u dan purament tort tal-attur. L-attur ma jridx jikkomunika mal-esponenti bl-ebda mod hlief bl-emails, liema emails ikunu twal, off-the point, u l-maggoranza taghhom jibdew bil-kliem li l-esponenti « abbandunat il-familja. » Illi meta hija tipprova tkellmu fuq it-tifel huwa jaghlqilha halqa billi jghidilha « b’email,b’email» u allura hija jkollha tibghat email anke f’kazijiet ta’ emergenza u urgenza.

7. Illi l-attur ghogbu jallega jew ta x’jifhem li l-esponenti tbati minn *dependent personality disorder*. Apparti li l-esponenti tichad kategorikament din l-allegazzjoni, din l-allegazzjoni hija malafamanti u juri bic-car ezattament x’tip ta’ persuna huwa l-attur. Illi l-attur jhobb jaghmel *mud-slinging* u zeffen fin-nofs iz-zwieg precedenti tal-esponenti. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza z-zwieg precedenti tal-esponenti nghata *dispensa super matrimonio rato et non consummato* u mhux minhabba xi difett fil-personalita’ u ghalhekk ma kien hemm l-ebda problema psikologika kif qieghed jipprova jhammeg l-attur. Anzi jkun iktar ghaqli li nharsu lejn il-personalita’ tal-attur ghax l-agir tieghu fil-konfront ta’ l-espoentni u t-tifel mhux wiehed tajjeb – bizzejjed nghidu li l-attur kien ihobb ifittex fir-rimettar u fil-hmieg tat-tifel, ipoggi l-affarijiet li jsieb bhal zriragh fil-plastik qisu xi rigal u jaghtihom lill-esponent bhala rigal!

8. Illi l-attur mhux idoneju sabiex tigi fdata lilu l-kura u kustodja tal-minuri jew jigi ordnat illi t-tifel ighix primarjament mieghu u dana minhabba li m'ghandu ebda ideja x'jikkonsisti l-ahjar interess tat-tifel kif ser jigi ppruvat fil-mertu tal-kaz. Il-minuri qieghed prezentament jikber u jitrabba f'ambjent san u protett minghajr l-ebda xkiel ghajr in-nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-attur.

9. Illi l-genituri tal-esponenti ma jindahlix fl-ebda kwistjoni bejn il-partijiet u dana ukoll minhabba l-fatt li l-partjiet « jikkomunikaw" bil-mezz stipulat mill-attur u cioe' tramite emails, L-esponent hija persuna adulta, ghalliema u ghandha maturita' u l-gharfien bizzejjed kif trabbi lill-minuri Edison.

10. Illi huwa car illi l-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva tal-omm u dana minhabba l-fatt li m'hemm l-ebda ko-operazzjoni mill-attur, kif ukoll ir-residenza normali ghandha tkun mal-omm u dana minhabba l-fatt li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li jghix mal-attur.

11. Illi b'dawn il-fatti l-esponenti taf bihom personalment.

**Ghaldaqstant**, talbet lil dina l-Qorti sabiex:-

1. Tichad l-ewwel talba attrici fi-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri F ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet.
2. Tichad it-tieni talba attrici fis-sens illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun ma' l-esponenti b'access adegwat u xieraq verso l-attur skond l-ahjar interess tal-minuri.

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

5. Tichad il-hames talba attrici fis-sens illi retta alimentarja hekk likwidata verso l-minuri trid tithallas mill-attur lill-esponenti.

6. Tichad is-sitt talba attrici fis-sens illi l-ispejjes edukattivi, ta’ sahha u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jigu rifuzi mill-attur lil-esponenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur inkluz dawk tal-medjazzjoni.

Ghandu jigi rilevat li dina l-kawza miexja ma’ kawza ohra fl-ismijiet inversi, Rikors numru 86/15, u l-istess provi u konsiderazzjonijiet maghmula f’dik il-kawza qed jigu riportati hawnhekk, b’dana li jiffurmaw parti mill-kawza u minn din is-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici in parte, in kwantu tafda l-kura u kustodja tal-minuri F konguntivament liz-zewg partijiet;
2. Tichad it-tieni talba attrici in kwantu jirrigwarda dikjarazzjoni dwar ir-residenza tal-minuri u tordna li l-access jigi ezercitat kif indikat fis-sottotitolu « Access. »

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tichad ir-raba' u l-hames talba attrici in kwantu tordna lill-attur ihallas manteniment fis-somma ta' €350 fix-xahar, li tinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, u li ghandhom jithallsu lill-konvenuta ghall-minuri, u din is-somma ghandha tizdied kull sentejn b'ghoxrin Ewro (€20.00) fix-xahar.

5. Tichad is-sitt talba attrici.

   Tordna li l-genituri ghandhom jattendu ghal korsijiet ta' parenting skills separatament, a spejjez taghhom, mal-Agenzija Willingness, li ghalhekk qed tigi appuntata mill-Qorti ghal dan l-iskop, u liema Agenzija ghandha tipprezenta rapport mat-tmiem tal-kors moghti lil kull parti.
   Fin-nuqqas li xi hadd mill-partijiet ma jattendix jew ma jsegwix il-kors, il-Qorti tirriserva li tvarja d-decizjoni taghha dwar il-kura w kustodja tal-minuri.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**